# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgħa**
**Tletin (30) ta’ Ġunju 2021**

**Rikors Numru 761/21 FDP**

Fl-ismijiet

**J & C Contracts Limited**
**(C 13386)**

**Vs**

**Arthur Cilia**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 28 ta’ Lulju 2010, li permezz tiegħu s-soċjeta’ rikorrenti talbet is-segwenti:

   1. *Illi l-intimat kien inkariga lis-soċjeta’ rikorrenti sabiex teżegwixxi xi xogħolijiet ta’ kostruzzjoni fil-fond “Ir-Razzett ta’ Tina”, Tas-Salib, limiti tas-Siġġiewi;*

   2. *Illi l-imsemmija xogħolijiet ġew eżegwiti skond is-sengħa u l-arti u skond ir-regolamenti tal-bini;*

   3. *Illi meta l-esponenti kien wasal sabiex jittermina x-xogħolijiet illi kien inkarigat illi jagħmel, inqala’ diżgwid bejn il-partijiet u konsegwentement, l-intimat ittermina l-appalt;*

4. *Illi l-appalt ġie tterminat mill-intimat mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi;*

5. *Illi sar il-kejl tax-xogħolijiet illi kien komplut mis-soċjeta' esponenti, liema kejl sar mill-perit Robert Naudi u inħareġ il-kont relattiv, u kopja tal-istess qed tiġi hawn ' annessa u mmarkata Dokument "A"*

6. *Illi skond l-imsemmi kont l-ammont dovut lis-soċjeta' esponenti jammonta għal wieħed u għoxrin elf, disgħa mija u dsatax-il elf Euro u sebgħa u ħamsin euro ċenteżmi (€21,919.57);*

7. *Illi l-intimat, interpellat diversi drabi sabiex iħallas l-ammont dovut, fosthom permezz ta' żewġ ittri legali datati 21 ta' Jannar 2010 u 9 ta' Frar 2010 rispettivament, li kopja tagħhom qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dokument "B" u "C", iżda baqa' inadempjenti;*

8. *Illi oltre dan, una volta illi l-appalt ġie tterminat mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi, hija dovuta somma oħra lill-kumpannija esponenti għat-tenur tal-Artiklu 1640(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta kif jogħġobha tillikwida dina l-Onorabbli Qorti skond iċ-ċirkostanzi tal-każ;*

*JGĦID GĦALHEKK L-INTIMAT għaliex ma għandhiex dina l-Onorabbli Qorti in vista tal-premess*

(1) *Tiddikjara l-intimat debitur tal-kumpannija esponenti fis-somma ta' wieħed u għoxrin elf, disgħa mija u dsatax-il Euro u sebgħa u ħamsin euro ċenteżmi (€21,919.57) rappreżentanti xogħolijiet eżegwiti mill-kumpannija rikorrenti fil-fond "Ir-Razzett ta' Tina", Tas-Salib, limiti tas-Siġġiewi fuq inkarigu tal-istess intimat, okkorrendo permezz tal-ħatra ta' periti nominandi;*

(2) *Tiddikjara illi l-appalt de quo ġie tterminat mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi;*

(3) *Tillikwida somma għat-tenur tal-Artiklu 1640(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, okkorrendo permezz tal-ħatra ta' periti nominandi;*

(4) *Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lill-kumpannija rikorrenti l-ammont ta' wieħed u għoxrin elf, disgħa mija u dsatax-il Euro u sebgħa u ħamsin euro ċenteżmi (€21,919.57) flimkien mal-ammont hekk likwidat minn dina l-Onorabbli Qorti skond it-tielet talba;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk u bl-imgħaxijiet legali kkalkolati bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mit-18 ta' Diċembru 2009 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimat nġunt minn issa in subizzjoni.*

2. Rat illi fid-29 ta' Novembru 2010, l-intimat Arthur Cilia rrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

*1) Illi waqt li huwa minnu li l-esponenti inkariga lid-ditta rikorrenti biex teżegwixxi xi xogħolijiet fil-fond "Ir-Razzett ta' Tina" f'Telgħet is-Salib tal-Għolja, limiti tas-Siġġiewi, la huwa minnu li sar xogħol skond is-sengħa u l-arti u lanqas li x-xogħol ordnat ġie konkluż.*

*2) Illi mhux minnu li l-esponenti f'xi ħin waqqaf lid-ditta rikorrenti, anzi għal kuntrarju ilmenta magħha diversi drabi li għal jumejn xogħol kien qed jabbanduna l-lant tax-xogħol u jħallih b'appalt inkonkluż.*

*3) Illi l-appalt l-esponenti qatt ma tterminah minkejja li kellu kull raġuni valida biex jagħmel hekk minħabba xogħol eżegwit mhux skond is-sengħa u l-arti u mhux kif mitlub.*

*4) Illi minkejja li x-xogħol ma kienx lest ir-rikorrenti qabad u ppreżenta kont, b'partijiet li huma skond rati miftehma għandhom kejl ħażin, u partijiet fejn ma hemmx rati miftehma huma esaġerati, mhux skond is-suq u b'VAT fuq VAT.*

*5) Illi mhux minnu li l-esponenti dovut iħallas is-somma ta' wieħed u għoxrin elf, disgħa mija u dsatax-il Euro u sebgħa u ħamsin euro ċenteżmi, (€ 21,919.57), lid-ditta rikorrenti. L-ispiża tax-xogħol eżegwit, mhux konkluż, hija ferm inqas, anki minn dak ċertifikat mil-perit tiegħu, li ma setgħax jivverifika ċertu xogħol għax midfun, u fuq dan il-kont ir-rikorrenti, insinwa privileġġ speċjali kontra l-esponenti fuq id-dar ta' residenza tiegħu.*

*6) Illi l-esponenti ivverifika l-kejl u l-kunteġġ personalment u ġieh ferm inqas minn dak mitlub, u tali somma tinsab depositata taħt l-awtorita tal-Qorti Ċedola Numru 437/2010 għall-ammont ta' € 14,000, a favur ir-rikorrenti.*

*7) Illi stante li l-appalt qatt ma ġie mwaqqaf mil-esponenti l-Artiklu 1640(2) tal-Kap.16 ma japplikax għall-każ.*

*Għaldaqstant l-esponenti jeċċepixxi bir-rispett:-*

*i) Primarjament l-intempestivita tal-azzjoni peress li r-rikorrenti qatt ma lesta x-xogħol inkarigat minnu.*

*ii) Illi x-xogħol eżegwit ma sarx skond is-sengħa u l-arti u mhux kif dirett.*

*iii) Illi l-kont ma ġiex maħdum bir-rati miftehma pero' b'kejl ħażin fejn kien hemm ftehim u b'rati eċċessivi u kejl ħażin fejn ma kienx hemm ftehim.*

*iv) Illi ma huwa dovut l-ebda ħlas ieħor taħt l-Artiklu 1640(2) tal-Kap.16 stante li l-esponenti qatt ma waqqaf l-appalt lid-ditta rikorrenti.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra bonarja tat-23 ta' Jannar 2010, u taċ-ċedola ta' depożitu numru 437/2010.*

3. Rat illi fid-9 ta' Frar 2011 ġie mqabbad il-Perit Richard Aquilina sabiex jirrelata dwar il-każ.

4. Rat illi fl-1 ta' Ġunju 2017, ġie ppreżentat u maħluf ir-rapport tekniku tal-Perit Richard Aquilina.

5. Rat in-nota kjarifikatorja ppreżentata mill-Perit Teknku fit-13 ta' Ġunju 2017. (fol 142)

6. Rat id-domandi in eskussjoni bil-miktub illi saru mis-soċjeta' rikorrenti fil-25 ta' Awissu 2017 (fol 144) w ir-risposti għall-istess illi saru mill-Perit Tekniku fil-31 ta' Ottubru 2017. (fol 149)

7. Rat id-domandi in eskussjoni bil-miktub illi saru mill-intimat fil-5 ta' Marzu 2018 (fol 156) w ir-risposti għall-istess illi saru mill-Perit Tekniku fis-27 ta' April 2018. (fol 160)

8. Rat illi fil-21 ta' Ottubru 2019, dina l-Qorti kif ippresjeduta ħadet konjizzjoni tal-atti u, in vista tal-fatt illi l-partijiet riedu jagħmlu domandi ulterjuri in eskussjoni lill-Perit Tekniku, awtorizzathom sabiex jagħmlu l-aħħar domandi tagħhom sas-seduta ta' wara.

9. Rat illi fit-23 ta' Ottubru 2019 is-soċjeta' rikorrenti ippreżentat id-domandi in eskussjoni ulterjuri tagħha (fol 183) filwaqt illi fit-12 ta Novembru 2019, ġew ippreżentati d-domandi in eskussjoni ulterjuri ta' l-intimat. (fol 186)

10. Rat illi fis-17 ta' Jannar 2020, il-Perit Tekniku ppreżenta risposti għad-domandi in eskussjoni ta' l-intimat (fol 204) filwaqt illi fl-1 ta' Ġunju 2020 ġew ippreżentati r-risposti għad-domandi in eskussjoni tar-rikorrent. (fol 237)

11. Rat illi fl-10 ta' Lulju 2020 il-partijiet qablu illi ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw u għalhekk il-kawża setgħet titħalla għas-sottomissjonijiet finali bil-miktub.

12. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub illi saru mis-soċjeta' rikorrenti fl-4 ta' Marzu 2021. (fol 263)

13. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub illi saru mill-intimat fis-6 ta' Mejju 2021.

14. Rat illi fis-6 ta' Mejju 2021 il-kawża ġiet differita għas-sentenza għal-lum.

**Fatti**

15. Jirriżulta, mill-provi prodotti illi s-soċjeta' rikorrenti topera fil-qasam tal-bini w kostruzzjoni u tagħmel xogħolijiet ta' bini, fost affarjiet oħra.

16. Jirriżulta illi l-intimat huwa propretarju ta' fond ossija "Ir-Razzett ta' Tina", ġewwa Telgħet is-Salib tal-Għolja, limiti tas-Siġġiewi.

17. Jirriżulta illi l-intimat Arthur Cilia kien qabbad lil Joseph Chetcuti, li jirrappreżenta lis-soċjeta' rikorrenti, sabiex jagħmel xi xogħolijet fir-razzett tiegħu, liema xogħolijiet inbdew f'Novembru 2009 u baqgħu għaddejjin sa Jannar 2010.

18. Jirriżulta illi ebda ftehim bil-mitkub ma sar bejn il-partijiet la dwar ix-xogħol li kellu jsir u wisq anqas dwar ir-rati applikabbli.

19. Jirriżulta illi sussegwentement s-soċjeta' rikorrenti ħarġet il-kont għas-servizzi minnha reżi u hemm inqala' diżgwid bejn l-intimat w is-soċjeta' rikorrenti, peress illi l-intimat beda jikkontendi illi x-xogħol kollu ma kienx sar, xi xogħol li kien sar ma kienx skond is-sengħa u l-arti u l-ammont mitlub kien eċċessiv.

20. Jiriżulta illi l-partijiet ippruvaw jittransiġu l-pendenza ta' bejniethom u saħansitra saru laqgħat bejniethom filwaqt illi l-intimat għamel l-konteġġi tiegħu u ddeposita fir-Reġistru tal-Qorti l-ammont minnu pretiż illi kellu jitħallas, ossija €14,000, liema somma, l-intimat jindika fis-sottomissjonijiet tiegħu, illi ġiet irtirata mis-soċjeta' rikorrenti fil-mori tal-proċeduri odjerni.

21. Jirriżulta illi, in vista tad-differenzi ta' bejniethom, fis-26 ta' Lulju 2010 is-soċjeta' rikorrenti ntavolat il-proċeduri odjerni għall-ħlas ta' €21,919.57 rappreżentanti xogħolijiet fil-valur ta' €18,575.90 u Taxxa bil-Valur Miżjud bir-rata ta' 18%, ammontanti għal €3,343.66.

22. Jirriżulta illi l-Qorti appuntat lill-Espert Tekinku l-Perit Richard Aquilina sabiex jisma' x-xhieda u jirrelata dwar il-każ.

**Rapport Peritali**

23. Jirriżulta illi l-Perit Teknku Richard Aquilina żamm sittax-il seduta kif ukoll għamel żewġt aċċessi fuq il-post, u ġabar ix-xhieda tas-segwenti:
    a. Dr Tania Sciberras Camilleri
    b. Il-Perit Robert Naudi
    c. Is-Supretendent Lawence Cutajar
    d. Joseph Chetcuti
    e. Mario Chetcuti
    f. Lourdes Chetcuti
    g. Arthur Cilia
    h. Dr Thomas Abela

24. Jirriżulta illi fir-rapport tiegħu, l-Perit ikkunsidra kemm l-ilmenti dwar ix-xogħolijiet li l-intimat saħaq li ma kienux skond is-sengħa u l-arti, kif ukoll dwar il-kont redatt mis-soċjeta' rikorrenti w li l-intimat kien qiegħed jikkontendi li kien eċċessiv.

25. Jirriżulta illi dwar l-ilmenti ta' l-intimat, il-Perit Tekiku kellu dan xi jgħid:

*L-ilmenti tal-konvenut:*

*(1) Il-Membrane vertikali.*

*Dan kien tpoġġa wara l-irdobblatura li hemm fejn it-taraġ ta' barra, (vide ritratti RA5, RA6 u RA7).*

*Din il-problema tista' tiġi solvuta billi jinfetaħ il-fil tal-filata 'l fuq minn fejn jispiċċa l-membrane u l-ħajt minn dak il-fil l-isfel jinżebah b'qatran ta' l-ilma u wara dan titqiegħed biċċa membrane li jkollha l-parti ta' fuq imdaħħla ċirka 3 cm ġol-fil u l-parti ta' taħt titrikkeb fuq il-membrane eżistenti.*

*(2) Travi ta' l-injam.*

*Dawn it-travi kienu nxtraw mill-konvenut f'ċirka 1995 u tħallew barra. Meta t-travi ta' l-injam ma jkunux imnixxfa b'mod "Kiln Dried" dawn ikollhom tendenza li jinbarmu u jixpakkaw.*

*Għalhekk, id-ditta attriċi ma kellha l-ebda kontroll fuq dan id-difett.*

*Dawn it-travi ma kienux ġew protetti mill-elementi sabiex l-inxif ikun kontrollat u anqas ma rriżulta li dawn ingħataw xi protezzjoni bħall-"Wood Preserver". L-ixpakk u l-brim ta' dawn it-travi jidher fir-ritratti RA1, RA2 u RA3.*

*Filwaqt li l-attur kien xehed li kien biddel it-travi li l-konvenut kien ilmenta dwarhom, il-konvenut ċaħad li dan kien sar.*

*Illi stante li ma hemm ebda xhieda dwar dan, l-esponent iħalli għall-Ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti dwar il-kredibilita' tal-partijiet.*

Taraġ tal-ġebel (żieda tal-Qorti)

*It-taraġ tal-ġebel tqiegħed fuq il-ħamrija. Dan ix-xogħol ma sarx skond kif titlob is-sengħa u l-arti peress li kien meħtieġ li t-taraġ jitqiegħed fuq sodda tal-konkos rinfurzata b'xibka tal-ħadid kwadra.*

*Għalhekk dan it-taraġ għandu jinqala' u jerġa' jitqiegħed kif indikat hawn fuq.*

Bricks madwar il-pit (żieda tal-Qorti)

*Il-konvenut ilmenta dwar li l-kuntrattur J. Chetcuti kien qala' l-filata bricks ta' madwar il-pit u seraqlu dawk il-bricks. Qal ukoll li kieku dik il-filata kienet għolja wisq, il-bricks setgħu jinqatgħu.*

*Dak ma kienx possibbli għax Chaser ma jwassalx fond ta' disa' pulzieri.*

*Il-kuntrattur kien għamel l-armar madwar il-pit u wara qalgħu. L-ilqugħ ta' madwar il-pit kien ikun sar sew kieku dak sar biċċa waħda bil-konkos ma' l-art tal-Garage, kif kien sa jagħmel il-kuntrattur.*

*F'dan il-każ il-kuntrattur kien imissu ħalla l-bricks fuq il- post.*

Twieqi (żieda tal-Qorti)

*Dwar it-tranġar tat-twieqi, l-esponent jaqbel ma' dak li lmenta fuqu l-konvenut peress li dak ix-xogħol ma sarx skond l-arti u s-sengħa.*

Ħitan (żieda tal-Qorti)

*L-esponent osserva wkoll li ħafna mill-ħitan għandhom il-fili miftuħin. Dan għax ma sarx tberfil bit-tajn marbut bis-cement. Għalhekk il-kuntrattur għandu jieħu ħsieb li dawn il-fili l-miftuħin jiġu mberfla.*

*Il-kuntrattur Joseph Chetcuti kien xehed li qatt ma ra Perit fuq ix-xogħol u anqas ma kellu pjanti fuq x'hiex jimxi.*

*Dwar dan, l-esponent hu tal-fehma li bil-presenza tal-Perit diriġenti, ħafna mill-problemi sollevati mill-konvenut kienu jiġu evitati.*

26. Jirriżulta illi wara illi l-Perit Tekniku għamel tali konsiderazzjonijiet, huwa għadda sabiex jivverifika l-konteġġi li għamlet is-soċjeta' rikorrenti u indika l-ammont dovut skond hu kif ġej:

| | *Ammont mitlub mill-attur* | *Ammont ikkalkolat mill-esponent* |
|---|---|---|
| *1) Qatran* | *€356* | *€ 61.21* |
| *2) Membrane* | *€192* | *€ 153.56* |
| *3 u 5) Ħitan 7" u 9"* | *€3780* | *€3308.43* |
| *4) Ħitan dobblu* | *€216.89* | *€ 218.40* |
| *6) Travi* | *€599.35* | *€ 289.63* |
| *7) Taraġ tal-ġebel* | *€866.89* | *€ 613.02* |
| *8 u 9) Saqaf tal-konkos* | *€1381.60* | *€1596.40* |
| *Saqaf 10 ½* | *----* | *€ 254.66* |
| *Saqaf bit-travetti* | *€679.09* | *mhux dovut* |
| *10) Xibka addizzjonali* | *€368.55* | *€363.44* |
| *11) 1" ħxuna extra* | *€337.43* | *€262.44* |
| *12) Vireg tal-1"* | *€629.82* | *€347.50* |
| *13) Żieda ta' C25 u C20* | *€107.91* | *€ 89.64* |
| *14) Ingall* | *€697.50* | *€375* |
| *15) Mili bejn il-Planki* | *€1824* | *€1700* |
| *16) Art tal-konkos* | *€1704.12* | *€1592.88* |
| *17) Ħadid tat- ¾ "* | *€63.13* | *€ 63.13* |
| *18) Ħadid tal- 5/8"* | *€39.01* | *€ 59.08* |
| *19) Stirrups tat-3/8"* | *€ 59.09* | *€ 38.01* |
| *20) Samrotti* | *€256.50* | *€171.00* |
| *21) Travi tal-injam* | *€400* | *€ 372.68* |
| *22) Użu tal-gaffa* | *€465.88* | *€ 279.53* |
| *23) Irdim* | *€1490.40* | *mhux dovut* |
| *24) Katusi tal-4"* | *€384.12+€1059.50* | *€1153.23* |
| *25) Żieda għal armar tas-soqfa eħxen minn 8"* | *€71.29* | *€ 71.29* |
| *26) Suletta tal-konkos* | *€250.13* | *€325.94* |
| *27) Tranġar tat-twieqi* | *€174.69* | *mhux dovut* |

27. Jirriżulta illi, in eskussjoni, il-Perit Tekniku kkonferma illi:

> *"l-esponent jirrileva illi l-ammont kollu, eskluż dak għall-irdim u għat-tranġar tat-twieqi, kif hu mitlub mid-ditta attriċi, huma ammontanti għal €16,789.80 u l-ammont ikkalkolat mill-esponent għall-istess xogħolijiet huwa ta' €13,760" (fol 143)*

28. Jirriżulta illi in eskussjoni, mistoqsi fuq il-VAT u jekk din kienetx inkluża fil-kont, huwa jgħid illi:

> *L-ammont indikati bħala dovuti lis-soċjeta' attriċi ma jinkludux il-VAT. (fol 151)*

29. Jirriżulta illi dwar il-**kont tal-irdim**, l-Perit Tekniku stqarr illi "*peress li ma kienx hemm dettall dwar il-volum tal-materjal, jien ma stajtx nasal biex nikkwantifika dan l-ammont.*" (fol 153)

30. Jirriżulta illi sussegwentement, dwar il-kwistjoni tal-irdim, il-Perit Tekniku ppreżenta nota spjegattiva fl-1 ta' Ġunju 2020 fejn qal is-segwenti: (fol 237)

    *I) Illi abbażi tal-kont tal-kumpannija attriċi u liema kont kien magħmul mil-Perit Robert Naudi, datat 18 ta' Diċembru 2009 item 34 a fol 7 it-talba għal ħlas għal l-irdim hi; 80 jarda kubu @ Euro 18.63 = Euro 1 490.40 ( para 3.15)*

    *II) Illi minn naħa l-oħra, fl-affidavit tiegħu, il-konvenut Arthur Cilia isosni li l-irdim sar biss f'ħames postijiet u li l-ammont tal-materjal ta' dan l-irdim kien biss 40 jarda kubu.*

    *Illi għalhekk l-ammont abbażi tal-medja bejn il-volum assenjat mill-kumpanijja attriċi u l-volum aċċettat mil-konvenut hu 1/2 (40+80) = 60 jarda kubu.*

    *Illi skond lis-stħarriġ li għamel l-esponent, il-prezz tal-materjal għall-irdim, trasportat għal fuq il-post hu Euro 8 + VAT u ċioe Euro 9.44*

    ***Illi għalhekk, abbażi ta' dan il-prezz ta' l-irdim hu 60 jarda kubu @ Euro 9.44 = Euro 566.40***

31. Jirriżulta illi dwar **min ittermina l-appalt** u jekk is-soċjeta' rikorrenti kinetx itterminat l-appalt hi jew inkella jekk waqqfux l-intimat, il-Perit Tekniku kellu dan xi jgħid:

    *Mix-xhieda li kienet tat l-Avukat Dr Tanya Sciberras Camilleri LL.D., jirriżulta li meta hi staqsiet lil intimat "riedx li s-Soċjeta' Attriċi tkompli bix-xogħol, hu wieġeb li ma kienx kuntent li dak ikompli".* ***Għalhekk l-appalt ma tlestiex għax ir-rikorrent ġabar l-għodda u waqaf.*** *(fol 163)*

32. Jirriżulta illi dwar ix-xogħol tal-**Membrane** li l-Perit Tekniku kien irrileva li sar ħażin, in eskussjoni jgħid is-segwenti:

    *Nikkonferma li x-xogħol rimedjabbli għal dak li jirreferi għax-xogħolijiet biex jitranġa l-membrane, għandu jsir a karigu tar-rikorrent u li* ***s-somma ta' €250 għandha titnaqqas mill-kont*** *(fol 217)*

33. Jirriżulta illi dwar ix-**xogħol tat-taraġ** illi l-Perit Tekniku kien irrileva li sar ħażin, in eskussjoni jgħid is-segwenti:

    *Naqbel li* ***l-ammont ta' €245 esklużVAT hu ġust għax-xogħol u li dan għandu jitnaqqas mill-kont*** *(tar-rikorrenti) (fol 219)*

34. Jirriżulta illi, in eskussjoni, il-Perit Tekniku stqarr illi l-ammont relattiv għas-**Saqaf 10½** fl-'Item Nru 8/9' tal-konteġġi tiegħu, l-ammont illi kellu jitħallas kien attwalment **€84.86** u mhux €254.66 kif oriġinalment indikat fir-rapport tiegħu. (fol 226)

35. Jirriżulta wkoll, in eskussjoni, illi Perit Tekniku stqarr li l-ammont relattiv għall - **Ħadid tal-5/8** fl-'Item Nru 18' tal-konteġġi tiegħu kellu jkun **€39.01** u mhux €59.08 kif minnu oriġinalment indikat. (fol 231)

36. Jirriżulta illi kemm il-partiiet kif ukoll il-Perit Tekniku daħħlu fid-dettall fil-konteġġi, u għalhekk il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex għandha tiddilunga aktar fil-kostazzjonijiet tal-abbli Perit Tekniku kif korretti u ċċarat minnu fil-varji eskussjonijiet illi sarulu u tagħmilhom bħala tagħha.

**Kummenti konklussivi**

37. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi l-ftehim illi sar bejn is-soċjeta' rikorrenti u l-intimat sar kollu kemm hu bil-fomm u qatt ma saret ebda skrittura u qatt ma ngħaddew ebda rati li kellhom japplikaw, u għalhekk il-Qorti qiegħda tikkunsidra r-rati kif stabbiliti mill-Perit tekniku bħala dawk finali.

38. Jirriżulta wkoll illi kwalsiasi rati stabbiliti huma dejjem <u>**esklussivi**</u> tat-Taxxa għal-Valur Mizjud (VAT), li hija bir-rata ta' tmintax filmija (18%), u għalhekk, kwalsiasi somma kalkolata għandna tiżdied magħha r-rata tal-VAT.

39. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti waqqfet mix-xogħolijiet hekk kif kien għadu ma sar ebda ħlas u kien hemm kwistjoni dwar l-ammonti dovuti, u għalhekk jirriżulta illi kienet hi illi abbandunat il-lant tax-xogħol, bir-riżultat illi ma jistax jingħad li l-intimat itterminalha l-appalt, u għalhekk l-Artikolu 1640 (2) tal-Kap 16 ma jistax jiġi invokat kontra l-intimat.

40. Jirriżulta illi, dwar ix-xogħolijiet illi saru, l-Perit Teknku kkonstata illi kien hemm xogħol ħażin kemm fil-<u>Membrane</u> kif ukoll fit-<u>taraġ</u> u huwa kkwantifika x-xogħolijiet rimedjali illi għandhom ikunu a spejjeż tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' €250 għall-Membrane u €245 għat-taraġ, lkoll esklużi mill-VAT. Jirriżulta illi l-Perit ikkummenta wkoll dwar il-fili tal-ħitan iżda ebda mill-partijiet ma talab indikazzjoni dwar spejjeż li jistgħu jiġu nkorsi sabiex jiġu rimedjati u għalhekk il-Qorti ma tista' talloka ebda somma għal tali xogħolijiet. Għalhekk, jirriżulta illi minn kwalsiasi kont finali dovut lis-soċjeta' rikorrenti għandhom jitnaqqsu l-ammont ta' €495 flimkien mal-VAT ammontanti għal €89.10, total ta' €584.10.

41. Jirriżulta illi dwar il-kont finali għas-servizzi reżi, tali kont finali għandu jkun kif ġej:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1) | Qatran | € | 61.21 |

| | | |
|---|---|---|
| 2) | Membrane | € 153.56 |
| 3 u 5) | Ħitan 7" u 9" | € 3308.43 |
| 4) | Ħitan dobblu | € 218.40 |
| 6) | Travi | € 289.63 |
| 7) | Taraġ tal-ġebel | € 613.02 |
| 8 u 9) | Saqaf tal-konkos | € 1596.40 |
| | Saqaf 10 ½ | € 84.86 |
| | Saqaf bit-travetti | mhux dovut |
| 10) | Xibka addizzjonali | € 363.44 |
| 11) | 1" ħxuna extra | € 262.44 |
| 12) | Vireg tal-1" | € 347.50 |
| 13) | Żieda ta' C25 u C20 | € 89.64 |
| 14) | Ingall | € 375 |
| 15) | Mili bejn il-Planki | € 1700 |
| 16) | Art tal-konkos | € 1592.88 |
| 17) | Ħadid tat- ¾ " | € 63.13 |
| 18) | Ħadid tal- 5/8" | € 39.01 |
| 19) | Stirrups tat-3/8" | € 38.01 |
| 20) | Samrotti | € 171.00 |
| 21) | Travi tal-injam | € 372.68 |
| 22) | Użu tal-gaffa | € 279.53 |
| 23) | Irdim | € 566.40 |
| 24) | Katusi tal-4" | € 1153.23 |
| 25) | Żieda għal armar tas-soqfa eħxen minn 8" | € 71.29 |
| 26) | Suletta tal-konkos | € 325.94 |
| 27) | Tranġar tat-twieqi | mhux dovut |

42. Jirriżulta illi l-import totali tas-servizzi reżi kif fuq elenkat huwa ta' €14,136.63 illi miegħu jrid jiżdied it-Taxxa għall-Valur Mizjud (VAT) ta' tmintax fil-mija (18%), li jammonta għal €2,544.60, li flimkien jagħmlu total komplessiv tal-kont ta' €16,681.22.

43. Jirriżulta illi, kif indikat mill-Perit Tekniku, xogħolijiet fl-import totali ta' €495 flimkien mal-VAT ammontanti għal €89.10, ossija total komplessiv ta' €584.10 iridu jitnaqqsu mill-kont finali dovut lis-soċjeta' rikorrenti.

44. Jirriżulta, għalhekk, illi l-ammont dovut lis-soċjeta' rikorrenti għas-servizzi reżi minnha fuq il-fond ta' l-intimat, inkluż it-Taxxa għall-Valur Miżjud (VAT), huwa ta' sittax-il elf, sebgħa u disgħin Euro u tnax-il ċenteżmu (€16,097.12).

## KONKLUŻJONI

**Il-Qorti,**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali u wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Wara illi rat ir-rapport peritali tal-abbli Perit tal-Qorti Richard Aquilina w il-varji domandi in eskussjoni da' parte tal-partijiet kif ukoll in-noti kjarifikatorji tiegħu;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimat filwaqt illi qed tieħu konsiderazzjoni tal-kumplament tal-eċċezzjonijiet l-oħra ta' l-intimati limitatament kif ġej fid-deċiżjoni finali tagħha.

**Tilqa'** l-ewwel talba tas-soċjeta' rikorrenti limitatament billi tiddikjara l-intimat debitur tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' sittax-il elf, sebgħa u disgħin Euro u tnax-il ċenteżmu (€16,097.12) rappreżentanti xogħolijiet eżegwiti fil-fond "Ir-Razzett ta' Tina", Tas-Salib, Siġġiewi.

**Tiċħad** it-tieni u tielet talba tas-soċjeta' rikorrenti.

**Tilqa'** r-raba' talba tas-soċjeta' rikorrenti u tikkundanna lill-intimat iħallas lis-soċjeta' rikorrenti is-somma ta' **sittax-il elf, sebgħa u disgħin Euro u tnax-il ċenteżmu (€16,097.12)** li minnhom għandu jitnaqqas kwalsiasi ammont ta' flus depositati fir-Reġistru tal-Qorti mill-intimat.

Imgħax huwa dovut mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjeż kollha, inkluż kif mitluba, huma a kariku ta' l-intimat.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**